

Brussell, 12 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16765/25

FISC 369
ECOFIN 1733

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Diċembru 2025

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 16029/25

Suġġett: Progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Daniża
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Diċembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Daniża approvati mill-Kunsill fl-4143 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Diċembru 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Daniża**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. JIRRIKONOXXI l-impatt pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-isforzi tal-Grupp fil-mitigazzjoni tal-prattiki dwar it-taxxa dannużi, li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-reġimi tat-taxxa preferenzjali kemm fl-UE kif ukoll fil-livell dinji;
2. JAPPREZZA l-isforzi tal-Grupp fl-avvanz tal-objettivi deskritti fil-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) u JINKORAĠĠIXXI lill-Grupp biex ikompli l-ħidma siewja tiegħu;
3. JAPPROVA r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokument 16028/25;
4. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-effetti reali tal-miżuri individwali kif maqbula mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo, l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u l-monitoraġġ tal-miżuri individwali;
5. JAPPREZZA l-ħidma biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni effiċjenti tal-Kodiċi ta' Kondotta fl-Istati Membri tal-UE; JAPPROVA l-Gwida dwar l-iżmuntar u l-antjerjorità li tinsab fl-Anness I tar-rapport;
6. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta fir-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx f'Ottubru 2025; IĦEĠĠEĠ lill-Grupp iżomm djalogu effettiv mal-ġuriżdizzjonijiet, kif ukoll monitoraġġ u skrinjar, biex jappoġġa l-konformità tagħhom mal-kriterji tal-elenkar tal-UE u t-twettiq tal-impenji sal-iskadenza miftiehma;

7. JILQA' l-progress li sar mill-ġuriżdizzjonijiet biex jirrifurmaw ir-reġimi ta' tagħhom ta' eżenzjoni tal-introjt minn sors barrani (FSIE); JIRRIKONOXXI l-monitoraġġ kontinwu tal-Grupp ta' ġuriżdizzjonijiet mingħajr taxxa jew b'taxxa nominali biss għall-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' sustanza ekonomika għall-kumpaniji u entitajiet oħra li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kriterju 2.2;
8. JILQA' l-ħidma fuq il-ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri difensivi tat-taxxa lejn ġuriżdizzjonijiet elenkati u l-eżitu tal-ewwel eżerċizzju ta' monitoraġġ annwali; JINNOTA B'APPREZZAMENT is-sitwazzjoni attwali aġġornata tal-implimentazzjoni tal-Gwida tal-2019 dwar miżuri difensivi tat-taxxa kif tinsab fl-ANNEX II tar-rapport; IĦEĠĠEĠ il-ħidma kontinwa tal-Grupp fuq l-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri difensivi lejn il-ġuriżdizzjonijiet elenkati;
9. JISTIEDEN lill-Grupp jirrieżamina regolarment l-iżviluppi internazzjonali relatati mas-sjieda benefiċjarja u, ladarba jkun possibbli li jsir progress, ikompli bl-isforzi biex jinkorpora s-sjieda benefiċjarja bħala r-raba' kriterju ta' trasparenza;
10. JAPPELLA lill-Grupp biex ikompli l-ħidma fuq l-indikaturi tal-għażla xierqa għal modifiki futuri tal-ambitu ġeografiku tal-lista tal-UE;
11. JISTIEDEN lill-Grupp jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Ċiprijotta.